# Il-Premju Palma tad-Deheb

Iż-żagħżugħ Naduri, ta' tlettax-il sena, **Michael Camilleri**, li matul l-aħħar sena ddistingwa ruħu fil-qasam mużikali, fis-settur tad-*drums* ingħata l-ġieħ Palma tad-Deheb mill-Kappillan tar-raħal ta' San Lawrenz, Dun Injazju Borg.

Il-preżentazzjoni saret waqt Lejla Lawrenzjana fil-Pjazza tar-raħal, f'serata ta' talent mużikali bis-sehem ta' kantanti popolari u bi spettaklu ta' żfin.

Il-premju Palma tad-Deheb issa ilu jingħata għal dawn l-aħħar 15-il sena mill-Parroċċa ta' San Lawrenz lil xi żagħżugħ jew żagħżugħa li jkunu ddistingwew ruħhom fil-qasam mużikali.

Il-ħajja mużikali ta' Michael bdiet fl-età żgħira ta' ħames snin. Huwa beda jitgħallem it-teorija tad-*drums* fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Mnarja tan-Nadur taħt is-Surmast Joseph Grech. Daqq għall-ewwel darba fil-pubbliku fl-età ta' sitt snin, fejn kien magħruf bħala l-iżgħar bandist tal-Gżira Għawdxija.

Michael wera x-xewqa li jkompli jifrex l-istudji tiegħu billi jitgħallem id-*drumkit* u dan għamlu taħt l-istess Surmast Grech. Ta' tmien snin ssokta jistudja f'Malta taħt Joseph Camilleri, magħruf bħala 'l-Bibi', u ftit wara taħt Johnny Farrugia fejn għadu sal-ġurnata tal-lum. Farrugia ressaq lil Michael għall-eżamijiet tat-*Trinity College* ta' Londra, f'liema eżamijiet wera l-kapaċità u t-talent tiegħu meta għadda t-tmien grad b'*distinction.* Fil-preżent qiegħed jipprepara ruħu għall-eżami tad-diploma li ser ikun qed jagħmel fi ftit xhur oħra.

F'Ġunju tas-sena 2008, Michael ġie mogħti l-premju tal-bandist żagħżugħ tas-sena mis-Soċjetà Filarmonika Mnarja. F'Ottubru tal-istess sena beda jgħallem id-*drums* lill-aljevi tal-Banda San Girgor ta' Kerċem.

Preżentament Michael idoqq mal-Banda tan-Nadur, dik li tat id-dawl lit-talent tiegħu, kif ukoll ma' diversi baned oħra Għawdxin u Maltin. Minbarra d-*drumkit* huwa jdoqq ukoll numru ta' strumenti tal-perkussjoni, fosthom it-timpani.

Jidher ċar illi l-ħajja mużikali ta' Michael mhix ser tieqaf hawn, għax fih jeżisti għatx għat-tagħlim u imħabba lejn il-mużika, u bl-istudju u l-impenn, mingħajr ebda dubju, din tkun għalih waħda ta' suċċess.



*Il-Kappillan ta' San Lawrenz Dun Injazju Borg (lemin) jidher jippreżenta l-premju Palma tad-Deheb lil Michael Camilleri*

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Dun Anthony Bajada mdawwar minn Għajnselmiżi jaqsam il-kejk waqt festin żgħir fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem. Ħdejh fuq il-lemin jidhru missier u omm Dun Anthony, waqt li fuq ix-xellug jidher l-Arċipriet Bajada*

# Radd ta' Ħajr

Dun Anthony Bajada mexxa quddiesa konċelebrata fil-Knisja Arċipretali tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem, b'radd il-ħajr lil Alla għad-don kbir tas-saċerdozju li tah. L-Arċipriet tal-Parroċċa, il-Kanonku Frankie Bajada, għamillu omelija tal-okkażjoni mill-isbaħ.

Anima l-Kor tal-Parroċċa Lauretana, taħt id-direzzjoni ta' Lelio Spiteri.

Anthony li hu mir-raħal tax-Xagħra, kien ġie ordnat Djaknu minn idejn l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2008. Matul is-sena tad-Djakonat, li hija l-aħħar waħda qabel il-Presbiterat, huwa għamel esperjenza ta' ħidma pastorali f'kollaborazzjoni mal-Arċipriet il-Kanonku Dun Frankie Bajada fil-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem.

Id-Djaknu Dun Anthony ġie ordnat saċerdot waqt Pontifikal Solenni fil-Knisja Katidrali li tmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Grech bis-sehem ta' diversi presbiteri Għawdxin, nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju 2009.

Wara ċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem, Dun Anthony flimkien ma' għadd t'Għajnselmiżi qasam kejk tal-okkażjoni fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Preżenti kien hemm ukoll missier u omm Dun Anthony, Grezzio u Josephine.



# Xogħol ta' restawr

Ix-xogħol ta' restawr fuq l-anterna tal-koppla tal-knisja Arċipretali t'Għajnsielem miexi b'ritmu mgħaġġel, minkejja s-sħana qalila tas-sajf. Xogħol li qed isir mill-bennej Leli Saliba (magħruf bħala bufajra) taħt is-sorveljanza tal-Perit Salvu Micallef u Vincent Centorino. Liema restawr ser jiġi jiswa 'l fuq minn 23,000 ewro.



*L-istudenti tas-Seminarju jidhru flimkien mal-għalliema tagħhom waqt iż-żjara li għamlu f'Disneyland*

# Studenti f'Pariġi

Grupp ta' 24 student mis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, f'Victoria, għamlu żjara kulturali fil-Belt ta' Pariġi. L-istudenti, flimkien mas-surmast tal-iskola, il-Kanonku Noel Saliba, l-assistent Surmast Dun Michael Said u l-għalliema, Mons. Lawrenz Sciberras, Ivan Farrugia, Arnaud Bouvier, Angele Bouvier, Dorienne Portelli u Clodia Xuereb. Żaru diversi postijiet ta' interess f'din il-belt fosthom il-famuż Torri Eiffel, il-Katidral Notre Dame, il-Bażilika Sacre Coeur, L'Arc de Triomphe, La Defence, La Villette, le Stade de France u t-Torri Montparnasse u l-famuż park Disneyland.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***